Sur President,

Nixtieq nagħmel stqarrija.

Segwejt bħal kulħadd il-proċeduri ta' dan il-kumitat f'dan il-każ u minn dak li smajt inħoss li għandi nistqarr dan li ġej.

Jien ħdimt bħala uffiċjal fis-Segretarjati Privati ta' Eddie Fenech Adami u ta' Austin Gatt bejn Lulju 1999 u Marzu 2013. Bejn l-2008 u l-2013 kont Kap tas-Segretarjat tal-Ministru Austin Gatt li għal xi żmien f'dan il-perjodu kellu r-responsabbiltà tal-Enemalta.

Fis-snin ta' qabel l-2008, meta Austin Gatt ukoll kellu r-responsabbiltà tal-Enemalta kont responsabbli mill-komunikazzjoni tal-Ministeru u għalhekk ma kellix rwol dirett fl-għamla tal-politika iżda pjuttost fix-xandir ta' dik il-politika lill-istampa u lill-pubbliku.

F'ebda ħin, kemm meta kont naħdem bħala Koordinatur tal-Komunikazzjoni, kemm meta kont Kap tas-Segretarjat, kemm qabel u kemm wara, qatt ma niftakar li kelli xi forma ta' diskussjoni mal-uffiċjali tal-Enemalta jew mal-fornituri tagħhom dwar minn min għandu jinxtara ż-żejt.

Fis-snin ta' qabel l-2008, il-Ministru tiegħi kien qed jippilota sforz biex il-każwalità li biha kien qabel jinxtara ż-żejt mill-Enemalta tispiċċa. Qabel l-2003 id-deċiżjonijiet dwar ix-xiri taż-żejt kienu jidhru li jittieħdu minn persuna weħidha mingħajr ebda proċess jew proċedura xierqa.

Minflok iddaħħlu proċeduri aktar adegwati biex jiġi assigurat li d-deċiżjonijiet li jittieħdu dwar ix-xiri taż-żejt ikunu fl-aħjar interess tal-Korporazzjoni. Dan l-aktar għax fuq kollox dakinhar il-Korporazzjoni kienet għal kollox propjetà

pubblika u l-amministrazzjoni tal-fondi tagħha kienet amministrazzjoni ta' fondi pubbliċi u t-telf li kienet tagħmel kien isofrih min iħallas it-taxxa.

Dan il-kumitat sema' ħafna minn xhieda qabli, li kienu ferm eqreb ta' dawn l-inizjattivi, id-dettalji tal-iskop tat-tibdil u x'kien fil-fatt sar. L-apprezzament tiegħi ta' dan it-tibdil hu limitat għax fil-parti l-kbira seħħ fiż-żmien meta r-rwol tiegħi kien limitatament ta' kommunikazzjoni.

Madankollu nista' nixhed li bħal f'kull inizjattiva oħra tal-Ministru Austin Gatt, numru ta' prinċipji fundamentali fil-mod kif il-Ministru ried dejjem lis-Segretarjat tiegħu jaħdem bihom kienu wkoll japplikaw għal dawn l-inizjattivi fl-Enemalta.

Il-Ministru Austin Gatt dejjem għamilha ċara daqs il-kristall miegħi u ma' kull min ħadem miegħu li:

- Uffiċjali fis-Segretarjati tiegħu għandhom jevitaw li jieħdu sehem fil-proċessi ta' evalwazzjoni għal xiri pubbliku, u x-xiri taż-żejt ma kienx eċċezzjoni;
- Uffiċjali fis-Segretarjati tiegħu għandhom jevitaw li jkollhom diskussjonijiet ma' fornituri fi proċessi ta' xiri pubbliku dwar dawn il-proċessi, u x-xiri taż-żejt ma kienx eċċezzjoni;
- Uffiċjali fis-Segretarjati tiegħu kellhom iżommu rwieħhom il-bogħod minn kull xamma ta' kunflitt t'interess, aħseb u ara korruzzjoni, u x-xiri taż-żejt ma kienx eċċezzjoni.

Għalkemm dawn il-prinċipji jistgħu jinstemgħu ovvji, Ausin Gatt qatt ma straħ fuq l-ovvju u espliċitament ikkomunika dan it-twemmin mal-ingaġġ tiegħi u

f'okkażjonijiet differenti mal-uffiċjali kollha li kienu jservuh fis-Segretarjati tiegħu.

Hu kien imexxi bl-eżempju.

Jien nixhed narah jew nisimgħu jiċħad talbiet għal appuntament minn nies li setgħu jidhru interessati li jiddiskutu xi materja ta' xiri pubbliku. Nixhdu jsikket u jċanfar lil xi ħadd li ġie biex suppost jitkellem dwar xi ħaġa u deher ħa jaqbad id-diskors dwar forniment lis-settur pubbliku.

Dan m'hux qed ngħidu partikolarment fuq ix-xiri taż-żejt għax fis-snin kollha li domt naħdem miegħu qatt ma niftakar nara xi talba minn xi ħadd biex jiddiskuti miegħu mingħand min għandu jinxtara ż-żejt.

Ftit dwari:

Ma nafx li qatt iltqajt ma' George Farrugia. Ma nafux u ma okkorrilix li kont naf bih qabel issemma' fil-pubbliku fil-kuntest ta' dak li suppost qed tinvestigaw.

Jien m'inhix u qatt ma kont resident tal-Ewwel Distrett Elettorali u l-kontribut tiegħi għall-kampanji elettorali t'Austin Gatt dejjem kien fuq livell tekniku ta' strateġija jew komunikazzjoni. Il-kuntatti tiegħi f'dik li kienet il-kostitwenza tiegħu huma minimi u ma kinux jinkludu lis-Sur Farrugia.

Qatt ma niftakar lil ħadd, la fl-Enemalta u lanqas barra minnha, jiddiskuti miegħi mingħand min għandu jinxtara ż-żejt tal-Enemalta.

Qatt ma kelli xi forma t'interess personali dwar mingħand min għandu jinxtara ż-żejt tal-Enemalta.

Qatt ma niftakarni nistqarrt xi forma t'opinjoni dwar mingħand min għandu jinxtara ż-żejt.

Qatt ma niftakar li kelli opinjoni espressa ma' xi ħadd jew miżmuma in pettore dwar min għandu jforni ż-żejt lill-Enemalta.

Qatt ma kont f'pożizzjoni jew fittixt li nkun f'pożizzjoni li b'xi mod ninfluwenza lil xi ħadd jiddeċiedi b'xi mod jew ieħor dwar mingħand min għandu jinxtara ż-żejt f'ebda ħin li kont uffiċjal pubbliku jew qabel jew wara.

Meta ngħid li qatt ma kelli xi interess personali, irrid infisser li qatt ma fittixt li ningħata, qatt xi darba ngħatajt jew ġejt imwiegħed li ningħata xi vantaġġ jew kumpens talli b'xi mod niddeċiedi jew inħajjar lil xi ħadd li jiddeċiedi favur jew kontra xi ħadd li offra jew kien se joffri li jbiegħ xi ħaġa lill-Gvern jew xi entità tiegħu, inkluża l-Enemalta.

Fost kollox dan jinkludi li qatt ma naf b'xi ħadd li kellu x'jaqsam max-xiri jew bejgħ taż-żejt li qatt xi darba għamel xi kontribut jew tlabtu jagħmel xi kontribut għall-kampanja elettorali tiegħi meta kont kandidat fl-elezzjoni li għaddiet jew xi darba ta' xi ħadd ieħor.

Jinkludi wkoll li qatt minn qabel, waqt jew wara li kont uffiċjal pubbliku ma fittixt li nitqabbad impjegat, konsulent jew fornitur ta' xi ħadd – imħallas jew le – li kien b'xi involut jew interessat fix-xiri jew bejgħ taż-żejt lill-Enemalta.

Nistqarr li ma niftakarx li qatt rajt jew smajt lil xi ħadd jiddiskuti t-tema dwar mingħand min għandu jinxtara ż-żejt. Li xhedt hu t-tennija frekwenti tal-prinċipju li d-deċiżjonijiet kummerċjali jew ta' xiri pubbliku m'għandhomx jittieħdu minn politiċi jew uffiċjali fis-Segretarjati tagħhom u politiċi jew

uffiċjali fis-Segretarjati tagħhom għandhom joqgħodu l-bogħod minn fejn jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet.

Ma nafx b'xi istanza fejn dan il-prinċipju ma kienx segwit mill-Ministru Austin Gatt, minni jew minn uffiċjali oħra li kienu jaħdmu għalih.

Grazzi.